MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Numru. 519/2011

**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**FRANCIS XAVIER CURMI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Francis Xavier Curmi ta' 46 sena bin Saviour u Josephine nee' Spiteri, mwieled Valletta fit- 28 ta' Dicembru 1966, residenti 7 Flat 8 Blokk 3, Misrah Mattia Preti, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 10066M;

1) Talli f' April 2008 u fil- gimghat u x- xhur ta' qabel, f' dawn il- Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjonijiet tal- ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, b' mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-

ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqasl tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn €2,329.37 ghad- detriment ta’ Ruzarju Cortis detentur tal- Karta tal- Identita’ 932148M;

2) Aktar talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunnsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe s- somma ta’ aktar minn €2,329.37 ghad- detriment ta’ Ruzajru Cortis detentur tal- Karta tal- Identita’ 932148M;

3) Aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b’ mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jwehija jkunu kapaci li jaghm lu xi influwenza mhux xierqa fuq il- mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis- sub titolu (IV) tat- Titolu (III) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik il- persuna ohra tesercita dik l- influwenza sew jekk dak il- vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il- persuna ohra jew ghal xi haddiehor;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta’ provi difiza f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 309, 309, 310(1)(a), 293, 121°(1) u (2), 17 u 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum, ai terminu tal- Art 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' hamest elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin ewro (€5,823) lil Rosario Cortis fi zmien sena ai terminu tal- Art 24 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------